**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Kongunt Nru : 274/15 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijet izzewgu fit-8 ta' Awissu 2010 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijet kellhom tifla VM li twieldet fit-18 ta' Novembru 2008 u ghalhekk ghadha minuri;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntatt tas-16 ta' Gunju 2012 atti Nutar Reuben Debono kif jirrizulta mill-anness Dok B;

Illi l-partijiet qabel id-data tal-kuntratt cioe is-16 ta' Gunju 2012 huma kienu ghamlu aktar minn sena separati de facto u kienu jghixu f'residenzi separati tant li l-mara kienet tghix H'Attard u r-

ragel Birkirkara u dan jirrizulta wkoll mill-istess kuntratt ta' separazzjoni Dok B;

Illi ghalhekk il-partijiet ghamlu aktar minn erba snin separati;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejneithom stante li minbarra li l-partijiet ilhom separati ghal kwazi hames snin llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-manteniment a favur il-mara ma hemmx peress li l-partijiet rrinunzjaw reciprokament mid-dritt taghhom ghal manteniment (ara klawsola 4);

Illi l-manteniment ghal minuri qed jithallas regolarment u ma hemmx arretrati ta' dan il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisdaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Art 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tmienja (8) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-16 ta' Gunju 2012, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.